**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IT-TLETTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 488**

It-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-2.04 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Toni Bezzina*, l-Onor. Kevin Cutajar, l-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Stephen Spiteri** kienu skużati.

~~L-Onor. Toni Bezzina~~, l-Onor. Godfrey Farrugia, l-Onor. Marlene Farrugia, l-Onor. Konrad Mizzi u l~~-Onor. Stephen Spiteri**~~ kienu assenti.

* *vide Minuti tas-Seduta 520 – 16.11.21*
** *vide Minuti tas-Seduta 523 – 23.11.21*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 487 li saret fit-12 ta' Lulju 2021, kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fis-2.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 21470 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**RULING TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling għat-talba magħmula mill-Onor. Robert Cutajar fis-seduta 487 tat-12 ta' Lulju 2021 dwar talba li huwa għamel lill-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji sabiex il-Kumitat jiltaqa' u jiddiskuti r-rapport tal-FATF dwar Malta.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor. Carmelo Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6899 Stqarrija mill-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru PR211296 bl-isem 'Esplorata l-possibilità ta' kollaborazzjoni bejn il-Vatikan u l-PBS' datata 09.07.2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22020;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6900 Tabella li turi l-ammonti li ġew minfuqa fuq reklami fuq it-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fil-perjodu bejn l-2017 u Lulju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21972;

f'isem il-Ministru għal Għawdex, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6901 Tabella li turi l-ħlasijiet magħmula mill-Ministeru għal Għawdex taħt it-tender "Negotiated Procedure for the Provision of Accommodation for Elderly Persons in Gozo" fil-perjodu bejn Ottubru 2017 u Mejju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21828; u *(Ara dokument Nru PL 7106 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 495 tat-Tlieta, 12 ta' October 2021)*

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6902 Tabella li turi tagħrif dwar l-għadd ta' sentenzi li tneħħew mis-sit elettroniku tas-sentenzi maqsuma skont il-Qorti fil-perjodu bejn l-2014 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22023.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6903 Lista tad-dati li fihom iltaqa' l-Kumitat Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bejn l-2020 u Lulju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22029.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Anthony Agius Decelis, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet Aġġunt irrapporta li l-Abbozz Nru 200 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Pulizija (Emenda Nru 2) kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex jitressqu żewġ mozzjonijiet mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**565. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI (EMENDA NRU. 2)**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona:

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2021 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 2)".

L-Onor. Glenn Bedingfield issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara l-Ewwel Darba.

**566. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI (EMENDA NRU 3)**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona:

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2021 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 3)".

L-Onor. Glenn Bedingfield issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara l-Ewwel Darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

Bil-permess, il-Kamra għaddiet għat-tieni item fuq l-aġenda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI - ABBOZZ NRU 232**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 3**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, ressaq din l-Emenda "A":

**<u>Klawsola 3</u>**

Il-paragrafu (ċ) tal-klawsola 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) minnufih wara t-tifsira "preskritt", kif emendata, għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

> ""Regolament dwar id-Divulgazzjoni" tfisser ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtu;
>
> "Regolament tat-Tassonomija" tfisser ir-Regolament (UE) 2020/852 tal Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtu;".".

**Clause 3**

Clause 3 shall be amended as follows:

(a) In paragraph (b) thereof, for the words "Financial Markets Act;"; and", there shall be substituted the words "Financial Markets Act;";";
(b) In paragraph (c) thereof, for the words "issued thereunder;".", there shall be substituted the words "issued thereunder;"; and";
(c) Immediately after paragraph (c) thereof, there shall be added the following new paragraph:

> "(d) immediately after the definition "prescribed", as amended, there shall be added the following new definition:
>
> ""Taxonomy Regulation" means Regulation (EU) 2020/852 of the European Parliament and of the Council of 18 June 2020 on the establishment of a framework to facilitate sustainable investment, and amending Regulation (EU) 2019/2088, as amended from time to time, and includes any binding legal instruments, guidelines and other measures that have been or may be issued thereunder.".".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 3**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 4**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ressaq din l-Emenda "B":

**Klawsola 4**

Fil-paragrafu (a) tal-klawsola 4, is-subartikolu (1B) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1B) Mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet tal-Awtorità taħt din il-liġi jew kull liġi oħra, l-Awtorità għandu jkollha wkoll il-funzjoni li tissorvelja l-konformità:

(a) tal-parteċipanti tas-suq finanzjarju u konsulenti finanzjarji, kif imfissra fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar id-Divulgazzjoni, mar-rekwiżiti tal-imsemmi Regolament; u
(b) tal-parteċipanti tas-suq finanzjarju, kif imfissra fl-Artikolu 2 tar-Regolament tat-Tassonomija, mar-rekwiżiti tal-artikoli 5, 6 u 7 tal-imsemmi Regolament.”.

**Clause 4**

In paragraph (a) of clause 4, sub-article (1B) shall be substituted by the following:

“(1B) Without prejudice to the functions of the Authority under this or any other law, it shall also be the function of the Authority to monitor the compliance:

(a) of financial market participants and financial advisers, as defined in Article 2 of the Disclosure Regulation, with the requirements of the said Regulation; and
(b) of financial market participants, as defined in Article 2 of the Taxonomy Regulation, with the requirements of articles 5, 6 and 7 of the said Regulation.”.

L-Emenda “B” għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 4**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLI 5 u 6** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLA 7**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ressaq din l-Emenda “C”:

**Klawsola 7**

Fil-paragrafu (b) tal-klawsola 7, minflok il-kliem “Regoli maħruġa taħthom, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar id-Divulgazzjoni,”.”, għandhom jidħlu l-kliem “Regoli maħruġa taħthom, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar id-Divulgazzjoni, xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 5, 6 jew 7 tar-Regolament tat-Tassonomija,”.”.

**Clause 7**

In paragraph (b) of clause 7, for the words “there shall be substituted the words “Rules issued thereunder, with any of the provisions of the Disclosure Regulation,”.”, there shall be substituted the words “Rules issued thereunder, with any of the provisions of the Disclosure Regulation, with any of the provisions of Articles 5, 6 or 7 of the Taxonomy Regulation,”.”.

L-Emenda “C” għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 7**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLI 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47 u 48** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLA 49** għaddiet u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 50, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 67, 68, 69 u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, il-Kumitat qabel li terġa' tinfetaħ id-diskussjoni fuq Klawsoli 47 u 48.

**KLAWSOLA 47**

Fit-3.20 p.m. meta l-Viċi President tal-Kumitati reġa' qiegħed il-mistoqsija fuq Klawsola 47 intalbet votazzjoni, li skont ftehim milħuq kellha tittieħed fis-seduta tal-Erbgħa 14 ta' Lulju 2021.

**KLAWSOLA 48**

Fit-3.21 p.m. meta l-Viċi President tal-Kumitati reġa' qiegħed il-mistoqsija fuq Klawsola 48 intalbet votazzjoni, li skont ftehim milħuq kellha tittieħed fis-seduta tal-Erbgħa 14 ta' Lulju 2021.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fit-3.23 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji kien mgħoddi b'emendi ħlief għal klawsoli 47 u 48 li kienet intalbet votazzjoni fuqhom.

**3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT TAL-2021 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI - ABBOZZ NRU 230**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

Fit-3.27 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fit-3.30 p.m.

**KLAWSOLI 2 u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fit-3.36 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi kien mgħoddi mill-Kumitat mingħajr emendi.

Bil-permess tal-Kamra l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, Att Nru XVIII tal-2021".

L-Onor. Glenn Bedingfield issekonda.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fis-seduta tal-għada, 14 ta' Lulju 2021.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-għaxar item fuq l-aġenda.

## 10. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR OPPORTUNITAJIET INDAQS GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ - ABBOZZ NRU 223

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ressqet din l-Emenda "A":

**Klawsola 2**

Fis-subklawsola (1) ta' Klawsola 2 il-kelma "EMPOWER" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "ENGAGE".

**Clause 2**

In sub-clause (1) of Clause 2 for the word "EMPOWER" there shall be substituted the word "ENGAGE".

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja talbet il-permess tal-Kumitat sabiex l-Emenda mmarkata "A" tiġi rtirata.

Il-permess ingħata u l-Emenda "A" kienet irtirata.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6 u 7** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 8**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja ressqet din l-Emenda "B":

**Klawsola 8**

Klawsola 8 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subklawsola (2), fis-subinċiż (d) tas-subartikolu (5) ġdid illi qiegħed jiżdied għall-artikolu 32 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tieħu ritratti" għandhom jidħlu l-kliem "tiġbed materjal awdjo-viżiv";

(b) fis-subklawsola (2), fis-subartikolu (6) ġdid illi qiegħed jiżdied għall-artikolu 32 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "soġġett għal notifikazzjoni minn qabel ta' mill-inqas tmienja u erbgħin siegħa (48)," għandhom jiżdiedu l-kliem "ħlief f'każijiet ta' emerġenza,".

**Clause 8**

Clause 8 shall be amended as follows:

(a) in sub-clause (2), in sub-paragraph (d) of the new sub-article (5) being added to article 32 of the principal Act, for the words "taking photographs" there shall be substituted the words "registering audio-visual footage";

(b) in-sub-clause (2), in the new sub-article (6) being added to article 32 of the principal Act, immediately following the words "subject to giving prior notice of at least forty-eight (48) hours,", there shall be added the words "except in cases of emergency,".

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 8**, kif emendata, għaddiet u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 9, 10, 11 u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fit-3.53 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja pproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, u biex jipprovdi għal materji oħra anċillari jew konsegwenzjali għalih, Kap. 413".

Il-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Michael Farrugia, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

## 11. ABBOZZ TA’ LIĠI DWAR IL-KONVENZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TA’ PERSUNI B’DIŻABILITÀ - ABBOZZ NRU 224

Il-Kamra marret f’Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.
**KLAWSOLA 2 u L-EWWEL, IT-TIENI, IT-TIELET, IR-RABA’ U L-ĦAMES SKEDI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, ressqet din l-Emenda “A":

**Klawsola 2**

Fis-subklawsola (1) ta’ Klawsola 2 il-kelma “EMPOWER” għandha tiġi sostitwita bil-kelma “ENGAGE”.

**Clause 2**

In sub-clause (1) of Clause 2 for the word “EMPOWER” there shall be substituted the word “ENGAGE”.

L-Emenda “A” għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 2 u L-EWWEL, IT-TIENI, IT-TIELET, IR-RABA’ U L-ĦAMES SKEDI** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLI 3, 4 u 5** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLA 6**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja ressqet din l-Emenda “B”:

**Klawsola 6**

Fil-Klawsola 6 fl-istanzi kollha l-kelma “EMPOWER” tiġi sostitwita bil-kelma “ENGAGE”;

**Clause 6**

In Clause 6, in all instances, for the word “EMPOWER” there shall be substituted the word “ENGAGE”.

Fl-4.09 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fl-4.18 p.m.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja ressqet din l-emenda verbali:

**Klawsola 6**

Il-kliem "għas-soċjetà ċivili" kull fejn jidher fi Klawsola 6 għandu jitħassar.

**Clause 6**

The words "civil society" wherever they occur in Clause 6 shall be deleted.

L-emenda verbali għaddiet nem. con.

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.
**KLAWSOLA 6**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 7 u 8** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fl-4.24 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja pproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għall-possibilità ta' talbiet dwar azzjonijiet ċivili li jallegaw diskriminazzjoni minħabba diżabilità fir-rigward tal-Artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, kif ukoll sabiex jipprovdi għal materji oħra fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' tali Konvenzjoni".

Il-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Michael Farrugia, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għas-seba' item fuq l-aġenda.

## 7. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 5) - ABBOZZ NRU 227

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2**

Fl-4.37 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fil-5.00 p.m.

L-Onor. Joseph Ellis ressaq din l-Emenda "A":

**<u>Klawsola 2</u>**

Klawsola 2 għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) Fit-test Malti ta' klawsola 2, minflok il-kliem "Minnufih wara l-artikolu 301C", għandu jidħol il-kliem "Minnufih wara l-artikolu 310C".

(2) L-artikolu 310I (1) kif propost fi klawsola 2 għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"310I. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi, fejn kwalunkwe reat kontemplat fl-artikolu 310F jew fl-artikolu 310H isir għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika minn kwalunkwe persuna li taġixxi, kemm waħedha jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan dik il-persuna ġuridika, abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;
(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;
(ċ) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika,

dik il-persuna ġuridika li hekk taġixxi għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u ta' mhux iktar minn mitejn elf euro (€200,000).".

**<u>Clause 2</u>**

Clause 2 shall be amended as follows:

1) In the Maltese text of clause 2, for the words "Minnufih wara l-artikolu 301C" there shall be substituted the words "Minnufih wara l-artikolu 310C".

2) Article 310I (1) in clause 2 shall be deleted and substituted by the following:

"310I. (1) Notwithstanding any other provision of this Code, where any offence referred to in article 310F or in article 310H is committed for the benefit of a legal person by any person, acting either individually or as part of an organ of the legal person, who holds a leading position within that legal person on the basis of one of the following:

(a) a power of representation of the legal person;
(b) an authority to take decisions on behalf of the legal person;
(c) an authority to exercise control within the legal person,

said legal person who acts in that manner shall, on conviction, be liable to a fine (multa) of not less than twenty thousand euro (€20,000) and not more than two hundred thousand euro (€200,000).".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 2**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, l-Onor. Edward Zammit Lewis, ressaq din l-Emenda "B":

**Klawsola 1**

Fi klawsola 1 il-kliem "l-Att tal-2021 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5)" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "l-Att tal-2021 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7)".

**Clause 1**

In clause 1 the words "Criminal Code (Amendment No. 5)" shall be substituted by the words "Criminal Code (Amendment No. 7)".

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fil-5.04 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

L-Onor. Emmanuel Mallia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għar-raba' item fuq l-aġenda.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT - ABBOZZ NRU 226

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 67, 68, 69, 70, 71, 72, 73, 74, 75, 76 u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarji, l-Onor. Clifton Grima, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fil-5.24 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport kien mgħoddi mill-Kumitat mingħajr emendi.

Bil-permess tal-Kamra, is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarji ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni tal-Governanza Sportiva u għall-Integrità fl-Isport u t-twaqqif ta' Awtorità li tkun magħrufa bħala l-Awtorità dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport Malti, biex tappoġġja l-iżvilupp u l-objettivi deskritti f'dan l-Att u biex tippromwovi prinċipji konsistenti sabiex jinżammu l-prinċipji ta' governanza tajba u tiddefendi l-integrità tal-isport Malti u sabiex teżerċita funzjonijiet regolatorji u twettaq servizzi relatati u sabiex jipprovdi dwar affarijiet ancillari għal dawn u konnessi magħhom".

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Onor. Miriam Dalli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

## 5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENRĠIJA U L-ILMA - ABBOZZ NRU 216

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2**

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Onor. Miriam Dalli, ressqet din l-Emenda "A":

**Klawsola 2**

Klawsola 2 għandha tiġi emendata kif ġej:

Il-verżjoni bl-Ingliż tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali, kif sostitwit bi klawsola 2, għandha tiġi emendata kif ġej:

Fis-subartikolu (8) tiegħu l-kliem "or while the Chairman is on vacation" għandu jitneħħa.

**Clause 2**

Clause 2 shall be amended as follows:
The English version of article 3 of the principal Act, as substituted by Clause 2, shall be amended as follows:

In sub-article (8) thereof the words "or while the Chairman is on vacation" shall be deleted.

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, ressqet din l-Emenda "B":

**Klawsola 2**

Il-verżjoni bl-Ingliż tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali, kif sostitwit bi klawsola 2, għandha tiġi emendata kif ġej:

Fis-subartikolu (8) tiegħu l-kliem "in the office of Chairman." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "in the office of Chairman; and the Minister may also, in any of the above circumstances, appoint another person to act as Chairman and in such a case the foregoing provisions shall apply in respect of that person.".

**Clause 2**

The English version of article 3 of the principal Act, as substituted by clause 2, shall be amended as follows:

In sub-article (8) thereof the words "in the office of Chairman." shall be substituted by the words "in the office of Chairman; and the Minister may also, in any of the above circumstances, appoint another person to act as Chairman and in such a case the foregoing provisions shall apply in respect of that person.".

L-Onor. Ryan Callus ressaq din l-Emenda "C":

**Klawsola 2**

Fi klawsola 2, subartiklu (11)(b), wara l-kliem "entità pubblika jew privata" għandu jiżdied il-kliem "jew persuna".

**Clause 2**

In clause 2, sub-article (11)(b), after the words "public or private entity" there shall be inserted the words "or person".

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli ressqet din l-emenda "D":

**Klawsola 2**

Il-verżjoni bl-Ingliż tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali, kif sostitwit bi klawsola 2, għandha tiġi emendata kif ġej:

Fis-subartikolu (13) tiegħu minnufih wara l-kliem "such contract is discussed." għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Where the interest of the member is such as to disqualify him from remaining a member, he shall immediately report the fact to the Board of the Regulator and submit his resignation. Any disclosure under this sub-article shall be notified by the Regulator to the Minister without delay.".

**Clause 2**

Article 3 of the principal Act, as substituted by clause 2, shall be amended as follows:

In sub-article (13) thereof immediately after the words "such contract is discussed." there shall be added the words "Where the interest of the member is such as to disqualify him from remaining a member, he shall immediately report the fact to the Board of the Regulator and submit his resignation. Any disclosure under this sub-article shall be notified by the Regulator to the Minister without delay.".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

L-Emenda "C" għaddiet nem. con.

L-Emenda "D" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 2**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 3, 4, 5, u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fil-5.36 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545.".

L-Onor. Anthony Agius Decelis issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Anthony Agius Decelis, President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, irrapporta li:

- Abbozz Nru 222 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra, kien għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi; u

- Abbozz Nru 228 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emenda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għad-disà item fuq l-aġenda.

**9. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR l-ILSIEN MALTI - ABBOZZ NRU 139**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 3**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Josè Herrera, ressaq din l-Emenda "A":

**<u>Klawsola 3</u>**

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, kif sostitwit bi klawsola 3, għandu jiġi emendat kif ġej:
(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kelma "Chairman" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "President";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "rappreżentant tal-Akkademja tal-Malti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rappreżentant nominat mill-Akkademja tal-Malti";

(ċ) fil-paragrafu (f) tiegħu l-kliem "tal-Kunsill Malti għall-Arti" għandhom jiġu mħassra; u

(d) fil-paragrafu (p) tiegħu minnufih wara l-kliem "tal-Unjoni Ewropea" għandhom jidħlu l-kliem ", innominat flimkien mill-istess dipartimenti, li huma mniżżla fl-Iskeda B".

**<u>Clause 3</u>**

Sub-article (2) of article 4 of the principal Act, as substituted by clause 3, shall be amended as follows:

(a) in the Maltese text of paragraph (a) thereof the word “Chairman” shall be substituted by the word “President”;

(b) in paragraph (b) thereof the words “a representative of L-Akkademja tal-Malti” shall be substituted by the words “a representative nominated by L-Akkademja tal-Malti”;
(c) in paragraph (f) thereof the words “of the Arts Council Malta” shall be deleted; and

(d) in paragraph (p) thereof immediately after the words “the European Union” there shall be added the words “, jointly nominated by the same departments that are listed in Schedule B”.

L-Emenda “A” għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 3**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, il-Kumitat qabel li Klawsola Ġdida 3A titressaq f’dan l-istadju tad-diskussjoni.

**KLAWSOLA ĠDIDA 3A**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ressaq din il-Klawsola Ġdida mmarkata “B”:

**Klawsola Ġdida 3A**

Minnufih wara l-klawsola 3 għandha tiżdied il-Klawsola Ġdida 3A li ġejja:

“Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

3A. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali l-kliem “jemenda l-Iskeda” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “jemenda l-Iskedi”.”.

**New Clause 3A**

Immediately after clause 3 there shall be added the following New Clause 3A:

“Amendment of article 24 of the principal Act.

3A. In paragraph (a) of article 24 of the principal Act the words “amend the Schedule” there shall be substituted by the words “amend the Schedules”.”.

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat in-nota marġinali, u din il-klawsola tqieset li nqrat l-Ewwel Darba, skont l-Ordni Permanenti Nru 101.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppropona t-Tieni Qari ta’ din il-klawsola ġdida.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u Klawsola Ġdida 3A inqrat it-Tieni Darba.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppropona li Klawsola Ġdida 3A issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA ĠDIDA 3A** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 4 u 5,** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ressaq din l-emenda "C":

**<u>Klawsola 1</u>**

Fi klawsola 1 il-kliem "l-Att tal-2020" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Att tal-2021".

**<u>Clause 1</u>**

In clause 1 for the words "Act, 2020" there shall be substituted the words "Act, 2021".

L-emenda "C" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-5.45 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti, Kap. 470".

L-Onor. Emmanuel Mallia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

## 8. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI - ABBOZZ NRU 229

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 3**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ressaq din l-Emenda "A":

**Klawsola 3**

Il-paragrafu (d) ta' klawsola 3 tat-test Ingliż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) the definition "Department of Government" shall be repositioned immediately after the definition of "cultural property";".

**Clause 3**

Paragraph (d) of clause 3 shall be substituted by the following:

"(d) the definition "Department of Government" shall be repositioned immediately after the definition of "cultural property";".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 3**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fil-5.51 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fil-5.53 p.m.

**KLAWSOLI 4, 5 u 6** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 7**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ressaq din l-Emenda "B":

**Klawsola 7**

Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10A kif propost fi klawsola 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) l-Uffiċjal Ewlieni Eżekuttiv tal-Aġenzija *ex officio*, jew rappreżentant;".

**Clause 7**

Paragraph (c) of sub-article (1) of article 10A as proposed in clause 7 shall be substituted by the following:

"(c) the Chief Executive Officer of the Agency *ex officio*, or representative;".

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 7**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15 u 16,** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 17**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ressaq din l-emenda "Ċ":

**Klawsola 17**

Klawżola 17 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Fl-ewwel proviso għas-subartikolu (2) tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "fi żmien tletin jum minn" għandhom jidħlu l-kliem "sa tletin jum qabel"."

**Clause 17**

Clause 17 shall be substituted by the following:

"In the first proviso to sub-article (2) of article 52 of the principal Act for the words "within thirty days of" there shall be substituted the words "up to thirty days prior to"."

L-emenda "Ċ" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 17**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31 u 1** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.04 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali kien mgħoddi mill-Kumitat b'emendi.

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445".

L-Onor. Emmanuel Mallia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-Tielet Darba u għadda.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għas-sitt item fuq l-aġenda.

## 6. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-LIĠIJIET DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET - ABBOZZ NRU 220

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Ian Castaldi Paris, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6 u 7** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, l-Onor. Silvio Schembri, il-Kumitat qabel li Klawsola Ġdida 7A titressaq f'dan l-istadju tad-diskussjoni.

**KLAWSOLA ĠDIDA 7A**

Il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija ressaq din il-Klawsola Ġdida mmarkata "A":

**Klawsola Ġdida 7A**

Minnufih wara l-klawsola 7 għandha tidħol il-klawsola ġdida li ġejja:

"Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsimiet IV u V u żieda ta' intestatura ġdida.

7A. It-Taqsima IV u t-Taqsima V tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala Taqsima V u Taqsima VI u minnufih wara l-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda l-intestatura ġdida li ġejja:

"TAQSIMA IV
Kumitat Konsultattiv għal Servizzi dwar l-Utilitajiet".".

**New Clause 7A**

Immediately after clause 7 there shall be added the following new clause:

"Renumbering of Parts IV and V and the addition of a new heading.

7A. Part IV and Part V of the principal Act shall be renumbered as Part V and Part VI and immediately after article 21 of the principal Act there shall be added the following new heading:

"PART IV

Utilities Services Advisory Committee".".

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat in-nota marġinali, u din il-klawsola tqieset li nqrat l-Ewwel darba, skont l-Ordni Permanenti Nru 101.

Il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija ppropona t-Tieni Qari ta' din il-klawsola ġdida.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u Klawsola Ġdida 7A inqrat it-Tieni Darba.

Il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, ippropona li Klawsola Ġdida 7A issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA ĠDIDA 7A** għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21 u 22** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR MEMBRU**

L-Onor. Karol Aquilina rreġistra l-oġġezzjoni tiegħu, għall-mod kif ġiet sospiża l-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika li kienet qed tiltaqa' ftit aktar qabel.

Fis-6.30 p.m. l-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat għal nuqqas ta' quorom u l-Kumitat kien sospiż.

Fis-6.50 p.m. il-Kamra rriżumiet u peress li kien hemm quorum skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 46, l-Ispeaker iddikjara li l-Kamra tista' terġa tirrisolvi ruħha f'Kumitat.

Wara numru ta' interuzzjonijiet, il-Kamra ġiet sospiża.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.19 p.m. il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 14 ta' Lulju 2021 fis-2.00 p.m., b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Pulizija — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Pulizija (Emenda Nru 2) — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Kriminali dwar Il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u
l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u

| | |
|---|---|
| għall-Affarijiet tal-Konsumatur | Tielet Qar |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Kumitat (Kont.) |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta (Emenda Nru 4) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji | Kumitat - Votazzjoni |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att tal-2021 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tielet Qari - Votazzjoni |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizz Parlamentari | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Interpretazzjoni | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kaċċa u l-Qbid ta’ Għasafar Selvaġġi u Fenek Selvaġġ | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Condominia | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz 201: Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz 221: Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi biex jemenda Diversi Liġijiet (Riforma dwar il-Pensjonijiet) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Intrapriżi Soċjali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar Riforma | |

| | |
|---|---|
| fil-Professjoni Legali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Ugwaljanza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Emmanuel Mallia.

Fis-7.30 p.m. l-Onor. Mallia għadda lis-sedja ittra li biha huwa kien qed jirriżenja minn Membru tal-Kamra b'effett mill-14 ta' Lulju 2021 f'nofsinhar.

P.L. 6904 Ittra ta' riżenja minn Membru tal-Kamra tal-Onor. Manuel Mallia.

Fis-7.31 p.m., l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għall-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021 fis-2.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**